# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2024**

**Numru: 6**

**Rikors Numru 81/2017/1 BS**

**Joseph Cordina**

**v.**

**Wasteserv Malta Limited (C 30560) u Mario Bonnici**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli mressqa wieħed mill-konvenut Mario Bonnici, u l-ieħor mill-attur Joseph Cordina minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tal-15 ta' Jannar, 2021, li permezz tagħha ntlaqgħu f'parti minnhom it-talbiet attriċi għad-danni minħabba inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-13 ta' Ottubru, 2017, l-attur ifisser kif nhar it-8 ta' Diċembru, 2015, huwa ndarab minħabba inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol ġewwa l-impjant tal-kumpanija konvenuta Wasteserv Malta Limited fil-limiti tal-Kus, fix-Xewkija, Għawdex.

3. Jissokta jgħid kif l-inċident seħħ meta huwa ġie mqabbad mill-konvenut Mario Bonnici sabiex jaqla' żewġ imsiemer tal-azzar li kienu mwaħħlin fl-art f'dan l-impjant u waqt li kien qiegħed jagħmel dan skont l-istruzzjonijiet li ngħata minn Mario Bonnici, musmar minnhom tar u laqat lill-attur f'għajnu.

4. Huwa jsostni li minħabba dan l-inċident huwa ġarrab feriti gravi f'għajnu l-leminija li ħallewh ibati minn diżabbiltà permanenti u b'hekk ġarrab kemm danni emerġenti, kif ukoll lukri cessanti.

5. L-attur jisħaq li l-konvenuti jew min minnhom kienu unikament responsabbli għal dan l-inċident minħabba li l-imsemmi inċident seħħ b'tort, b'negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol min-naħa tal-konvenuti jew min minnhom.

6. Jingħad ukoll mill-attur li minkejja li sejjaħ lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha mġarrba minnu, dan kien kollu ta' xejn. Kien għalhekk li l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom kienu unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-impjant tal-Wasteserv Malta Limited ġewwa x-Xewkija, Għawdex u li fih weġġa' gravi l-attur Joseph Cordina;*
>
> *2. Tiddikjara li per konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur Joseph Cordina sofra debilità permanenti f'għajnu l-leminija;*
>
> *3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Joseph Cordina billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
>
> *4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu d-danni kif hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u sittax (2016) u bl-inġunżjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa l-konvenuti qed jiġu inġunti.* »

7. Il-konvenut Mario Bonnici ressaq it-tweġiba maħlufa fis-6 ta' Novembru, 2017 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1) Illi preliminarjament il-privilegium fori stante li s-soċjetà intimata għandha l-uffiċċju reġistrat f'Malta waqt li l-esponenti (intimat) huwa wkoll residenti f'Malta;*
>
> *2) Illi preliminarjament ukoll l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kuntradittur;*
>
> *3) Illi preliminarjament ukoll l-esponenti qatt ma aġixxa fil-kwalità personali tiegħu;*
>
> *4) Illi inoltre, l-esponenti la proprio u lanqas nomine ma huwa u qatt ma kien l-employer tar-rikorrenti u għaldaqstant mhuwiex marbut bl-obbligi li jorbtu lill-employer li jipprovdi 'a safe place of work' u 'a safe system of work';*
>
> *5) Illi fil-mertu l-esponenti la proprio u lanqas nomine qatt ma ta xi struzzjonijiet lir-rikorrenti dwar kif iħaddem il-gaffa de quo;*

*6) Illi fil-mertu ma jeżisti l-ebda ness kawżali bejn l-allegat akkadut u l-esponenti;*

*7) Illi fil-mertu, l-esponenti ma kkawża l-ebda dannu lir-rikorrenti;*

*8) Salv eċċeżżjonijiet ulterjuri.»*

8. Il-kumpanija konvenuta Wasteserv Malta Limited ressqet it-tweġiba maħlufa fid-9 ta' Novembru, 2017 u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament is-soċjetà Wasteserv Malta Limited mhix il-leġittimu kontradittur stante li fil-ġurnata meta seħħ l-allegat inċident l-impjant magħruf bħala "Tal-Kus" fix-Xewkija, Għawdex kien fil-pussess esklussiv tal-Konsorzju BS Environment Joint Venture (Bonnici Bros Contractors Ltd u Sidercamme SRL), tant li l-impjant ingħata fil-pussess u fil-proprjetà kuntrattwali lis-soċjetà eċċipjenti fl-14 ta' Diċembru 2015 u kwindi s-soċjetà eċċipjenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-management tal-impjant inkwistjoni kien f'idejn il-konsorzju preċitat sew qabel id-data tal-allegat inċident kif ukoll wara d-data tal-allegat inċident, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*3. Illi fil-mertu, is-soċjetà eċċipjenti mhix responsabbli għall-inċident inkwistjoni stante li dak il-ħin tal-inċident l-allegat vittma u ċjoè Joseph Cordina kien qiegħed isuq skid steer loader u kien imqabbad, assistit u/jew sorveljat mill-kuntratturi, u ċjoè mill-konsorzju preċitat, u bl-ebda mod is-soċjetà eċċipjenti ma kellha sehem u ma kellhiex x'taqsam assolutament mal-inċident.*

*4. Illi di più, l-istess Joseph Cordina, minn jeddu jew għax dirett mill-intimat l-ieħor Mario Bonnici jew mill-konsorzju, għamel użu minn skid steer loader biex jaqla' żewġ imsiemer li kienu mwaħħlin f'rampa tal-konkos, meta huwa minn ewl id-dinja, in materja tas-sengħa u t-teknika, li mhux il-mod idoneju li jintuża skid steer loader biex jitneħħew l-imsiemer, u dan in linea mal-prinċipju "volenti non fit injuria"*

*5. Illi f'kull każ l-istess Joseph Cordina kkontribwixxa b'għemilu stess għall-inċident u kwindi jwieġeb ukoll għad-danni allegatament minnu subiti.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

9. L-Ewwel Qorti qatgħet it-talbiet attriċi permezz tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Jannar, 2021 billi: (i) filwaqt li ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpanija Wasteserv Malta Limited, laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati minnha; (ii) astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Mario Bonnici iżda ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha l-oħra tiegħu; (iii) laqgħet l-ewwel talba attriċi f'parti minnha u għalhekk filwaqt li sabet li l-kumpanija Wasteserv Malta Limited mhix responsabbli għall-inċident li seħħ fit-8 ta' Diċembru, 2015, fl-impjant tagħha, ġewwa x-Xewkija, Għawdex, sabet li l-konvenut Mario Bonnici jaħti għal nofs mid-danni mġarrba mill-attur bħala riżultat tal-imsemmi inċident, filwaqt li l-attur jaħti għan-nofs l-ieħor, minħabba l-kontributorjetà għal dak li ġralu; (iv) laqgħet it-tieni talba tal-attur u sabet li huwa sofra debilità permanenti f'għajnu l-leminija; (v) laqgħet it-tielet u r-raba' talbiet attriċi u filwaqt li llikwidat id-danni fis-somma ta' €47,145.69, ikkundannat lill-konvenut Mario Bonnici jħallas din is-somma, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma mid-data tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv; u (vi) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut Bonnici.

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk, kienu dawn:

> *«Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol u hija msejsa kemm fuq il-ħtija kuntrattwali, kif ukoll fuq dik akwiljana. L-attur kien impjegat bħala "sorter" fl-impjant tal-iskart f'tal-Qortin, Xagħra, Għawdex. Huwa jgħid illi kien intbagħat fl-impjant tal-Kus, fix-Xewkija. Hemmhekk kien hemm il-konvenut Mario Bonnici fejn dan tah*

*struzzjonijiet sabiex jaqla' żewġ imsiemer illi kienu qed jisporġu minn ġol-konkos ma' l-art. Jgħid illi Bonnici qallu biex juża l-gaffa u li kien ser jurih hu kif jaqlagħhom. Ikompli jgħid illi huwa għamel kif ordnat u filwaqt li l-ewwel musmar inqala' mingħajr problemi, it-tieni wieħed tar u daħal f'għajnejh il-leminija. Dan l-inċident wassal biex huwa ġarrab ħsara f'għajnejh u minkejja l-interventi kirurġiċi li sarulu l-vista baqgħet ħażina. Huwa jgħid li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dak li ġralu u jrid li l-Qorti ssib min kien jaħti u li tillikwida d-danni li ġarrab fl-imsemmi inċident u tikkundanna lil min jaħti biex jikkumpensah;*

*Illi għal din l-azzjoni, is-soċjetà konvenuta Wasteserv Malta Limited laqgħet billi ssollevat l-eċċezzjoni li ma hix leġittimu kontradittur billi dakinhar tal-inċident l-impjant "Tal-Kus" fix-Xewkija kien għadu fil-pussess tal-konsorzju BS Environment Joint Venture. Tgħid illi meta seħħ l-inċident l-istruzzjonijiet fl-impjant "tal-Kus" ma kinux qed jingħataw minnha u li l-attur kien taħt is-sorveljanza tal-kuntratturi. Barra minn hekk meta l-attur għamel użu minn skid loader biex jaqla' l-imsiemer kien jaf li dan ma kienx il-mod idoneju ta' kif kellu jsir dan ix-xogħol. Tkompli tgħid li dan l-inċident kien dovut għal nuqqas minn naħa tal-attur innifsu.*

*Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek Bonnici laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qajjem l-eċċezzjoni tal-privilegium fori. Huwa ċaħad li huwa l-leġittimu kontradittur. Fil-mertu, qal li huwa ma kienx l-imgħallem tal-attur u għalhekk ma huwiex marbut bl-obbligu li jipprovdi post sigur għall-ħaddiem u li jipprovdi sistemi sikuri ta' xogħol biex jitnaqqas il-periklu. Kompla jgħid illi huwa ma ta l-ebda struzzjoni lill-attur dwar kif iħaddem il-gaffa u li ma jeżisti l-ebda ness kawżali bejnu u bejn l-inċident lamentat;*

***Fatti.***

*Minn dak li rriżulta waqt il-kawża l-attur huwa impjegat mal-JF Services Limited[1]. Il-paga jirċieviha mingħand din il-kumpanija[2]. Xogħlu però kien bħala "waste sorter"[3] fl-impjant tal-Qortin, Xagħra, Għawdex, liema impjant kien immexxi mis-soċjetà konvenuta Wasteserv Malta Limited. L-attur għamel ukoll kors b'suċċess "Principles of Safe Heavy Plant Equipment Operation"[4]. Dakinhar tal-inċident 8 ta' Diċembru, 2015, waqt li kien il-Qortin, Cħarlon Buttigieg, Inġinier mall-Wasteserv Malta Limited qallu biex imur fl-impjant f'"Tal-Kus" fix-Xewkija. Infurmah li hemmhekk huwa kellu jsuq il-bobcat sabiex jimbotta l-borża l-griża għal fuq il-"conveyors". Dan kien parti mill-eżerċizzju sabiex jiġu ppruvati l-magni f'dan l-impjant ġdid.*

*Jirriżulta wkoll illi meta wasal f'"Tal-Kus" l-attur mar fuq il-bobcat sabiex jiċċekkja jekk kienx fih ilma u żejt. Mix-xhieda li ta Stefan Salamone, il-Health and Safety Manager tal-kumpanija Wasteserv, minn*

---

[1] *A fol 203 tal-proċess*
[2] *A fol 316 tal-proċess*
[3] *A fol 205 tal-proċess*
[4] *A fol 34 tal-proċess*

*investigazzjoni illi saret wara l-inċident irriżulta li l-ordni sabiex l-imsiemer jinqalghu ngħatat mill-konvenut Mario Bonnici[5]. Da parti tiegħu l-attur jgħid illi meta huwa talab għall-għodda sabiex ikun jista' jaqla' dawk l-imsiemer Bonnici infurmah illi ma kienx hemm u li kellu juża l-bobcat. L-attur għamel kif ordnat u fil-waqt li l-ewwel musmar inqala' mingħajr xkiel, it-tieni wieħed tar u ppenetra f'għajnejh il-leminija.*

*L-attur ittieħed l-isptar fejn sarlu intervent kirurġiku minn Dr. Ivan Vella. Wara dan l-intervent il-vista baqgħet ħażina u l-attur irrikorra għand il-Profs. Thomas Fenech sabiex jieħu opinjoni indipendenti. L-attur kellu jagħmel operazzjoni oħra f'Awwissu 2016. Skont Profs Fenech "Nikkonferma li this is the final and permanent situation, no more surgery can be done"[6] u riżultat ta' dan kollu l-attur qed isofri minn diżabbiltà totali ta' 25%.[7]*

*Mill-atti jirriżulta wkoll li l-espert oftalmologu mqabbad mill-Qorti Mr. Benedict Vella Briffa kkonkluda li l-attur qed ibati minn "permanent impairment of 27%"[8]*

*Illi fit-13 ta' Ottubru, 2017, infetħet din il-kawża;*

*Illi issa l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistabbilixxi min kien ħati tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin mill-konvenuti li t-tnejn li huma jiċħdu xi sura ta' ħtija għal dak li ġralu l-attur.*

*Iżda qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti l-ewwel trid titratta l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati miż-żewġ konvenuti u ser tgħaddi sabiex tibda bl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta Wasteserv Malta Limited billi huma marbutin flimkien u waħda hija konsegwenzjali għall-oħra.*

*Is-soċjetà konvenuta tgħid li hija ma hix il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi u li l-impjant f'Tal Kus kien għadu ma għaddiex f'idejha sew qabel kif ukoll wara l-inċident. Ir-raġuni mogħtija minn din il-konvenuta hija li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni l-impjant fejn korra l-attur kien fil-pussess tal-konsorzju BS Environment Joint venture li kien kompost minn Bonnici Bros. Contractors Ltd. u Sidercamme SRL. Infatti din il-konvenuta teċċepixxi li l-pussess tal-impjant għadda għandha fl-14 ta Diċembru 2015, jiġifieri wara li seħħ l-inċident inkwistjoni.*

*Irid jingħad iżda li l-lok fejn seħħ l-inċident ma hux fattur determinanti sabiex jiġi deċiż jekk konvenut hux leġittimu kontradittur jew le u dan stante illi sabiex il-Qorti tiddeċiedi dwar jekk konvenut għandux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju jew le trid tindaga dwar ir-rabta ġuridika bejn dak il-konvenut u l-attur. Fil-każ in eżami jirriżulta li l-attur dakinhar tal-*

[5] *A fol 209 tal-proċess*
[6] *A fol 261 tal-proċess*
[7] *A fol 261 tal-proċess*
[8] *A fol 130 tal-proċess*

*inċident kien impjegat ma' JF Services Limited bħala "waste collector" però x-xogħol kien jagħmlu mal-kumpanija konvenuta bħala "sorter" fl-impjant tal-Qortin, Xagħra Għawdex, immexxi mill-istess kumpanija konvenuta. Dan ifisser li għalkemm, kif jirriżulta mill-atti, l-attur kien jipperċepixxi l-paga mingħand il-kumpanija JF Services Limited, però x-xogħol li kien jagħmel sabiex jingħata dik il-paga kien mal-kumpanija konvenuta Wasteserv Limited. Il-Qorti għalhekk tqis illi f'dan il-każ għalkemm l-attur ma kienx impjegat direttament mill-kumpanija konvenuta madankollu din kienet qed taġixxi qua l-employer tal-attur u għalhekk ma tistax titqies li ma hix leġittimu kontradittur. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ser tiċħad dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.*

*Rigward il-konvenut Mario Bonnici dan qajjem tliet eċċezzjonijiet preliminari – waħda tirrigwarda l-privilegium fori, l-oħra li huwa ma hux leġittimu kontradittur u t-tielet waħda li huwa ma aġixxiex fil-kwalità personali tieghu.*

*Fil-konfront tal-ewwel eċċezzjoni preliminari ċjoè dik tal-privilegium fori din il-Qorti fliet il-proċess u għalkemm ma jirriżulta mill-ebda verbal illi dan il-konvenut irrinunzja għal din l-eċċezzjoni, madankollu l-fatt illi l-każ baqa' jinstema' quddiem il-Qorti ta' Għawdex, fil-ġurisdiżżjoni superjuri tagħħa, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*

*Rigward it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Bonnici li huwa ma hux leġittimu kontradittur il-Qorti tinnota li f'din l-eċċezzjoni dan il-konvenut ma jagħtix ir-raġuni għaliex huwa jemmen illi ma hux leġittimu kontradittur. Da parti tagħħa l-Qorti hija tal-fehma li din l-eċċezzjoni ma għandhiex mis-sewwa u dana għax mill-proċess jirriżulta aktar minn darba li Mario Bonnici kien il-persuna illi qal lill-attur sabiex jaqla' l-imsiemer inkastrati fil-konkos bil-bobcat. Dan il-fatt anke jirriżulta min-nota tal-osservazzjonijiet intavolata mill-konvenut innifsu. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ser tiċħad din l-eċċezzjoni.*

*Fil-konfront tat-tielet eċċezzjoni ta' dan l-imħarrek, mill-atti jirriżulta li l-konsorzju BS Environment JV, kien magħmul minn Bonnici Brothers Contractors Limited u Sidercamma s.r.l.*[9]*. Mid-dokumenti ppreżentati mill-imħarrek Bonnici stess jirriżulta illi l-persuna illi kienet awtorizzata minn u taġixxi f'isem il-konsorzju kien Emanuel Bonnici. Meta mistoqsi in kontro eżami l-konvenut Bonnici jgħid illi huwa kien responsabbli mill-kostruzzjoni tal-impjant mhux mill-operat*[10]*. Barra minn hekk mill-atti minn imkien ma jirriżulta li Mario Bonnici kien ingħata l-inkarigu jew il-fakultà sabiex f'isem il-konsorzju jagħti xi struzzjonijiet lill-impjegati li kienu mibgħuta mill-Wasteserv f'tal-Kus dakinhar tal-inċident. Minkejja dan iżda fl-istess kontroeżami meta l-Qorti ssuġġerietlu li kien huwa illi qal lill-attur kif għandu jneħħi l-musmar*[11]*, dan il-konvenut irrisponda fl-*

---

[9] *Ara dokument a fol 370 tal-proċess*
[10] *Ara xhieda in kontroeżami a fol 390 tal-proċess*
[11] *Ara xhieda in kontroeżami a fo 391 tal-proċess*

*affermattiv. Fid-dawl tax-xhieda mogħtija minnu għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda wkoll.*

*F'dan l-istadju jrid jingħad li għalkemm mad-daqqa t'għajn, l-imħarrkin ma jistgħux jiġġustifikaw bl-ebda mod li tħarrku għalxejn jew li ma messhomx tħarrku madankollu dan ma jfissirx li bil-fatt li huma mħarrka b'daqshekk għandhom iġorru l-ħtija għal dak li ġara. Kif ġie ben tajjeb stabbilit mill-Qrati tagħna, id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma tistax, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-imħarrek – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għalkollox barrani għar-responsabbiltajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata[12].*

*Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tqis il-mertu tat-talbiet attriċi. F'azzjoni bħal dik in eżami li hija msejsa fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa li tistabbilixxi x'ġara dakinhar li seħħ l-inċident de quo u x'rabta kellhom dawk il-fatti ma' dak li għadda minn għalih l-attur. Dan l-eżerċizzju evalwattiv iwassal lill-Qorti sabiex tkun tista' tikkonkludi min effettivament jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għad-danni konsegwenzjali.*

*A bażi tal-prinċipju illi minn jallega jrid jipprova huwa dunque l-obbligu tal-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu. Irid jiġi apprezzat illi l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin, miftum minn fatti oħra rilevanti, awtomatikament ma jissarrafx fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. Matul il-kawża t-teżi waħdanija tal-attur kienet li korra waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel minn Mario Bonnici fl-impjant tal-Kus fix-Xewkija. Jallega li da parti tas-soċjetà konvenuta Wasteserv, din naqset mill-obbligi tagħha, dik li tipprovdi tagħmir xieraq li jbiegħed minnu l-periklu fit-twettiq ta' xogħlu u dan billi huwa ma ġiex fornit b'safety goggles u li l-kabina tal-bobcat kienet miftuħa.*

*Da parti tagħha s-soċjetà konvenuta Wasteserv Limited tiddefendi ruħha billi tgħid illi fil-ħin tal-inċident l-attur kien qed jiġi mqabbad, sorveljat u jew assistit mill-kuntratturi ċjoè l-konsorżju BS Environment Joint Venture u għalhekk ma kellha x'taqsam xejn ma' l-inċident. Tgħid ukoll li l-attur għamel użu minn skid steer loader meta din ma hix l-għodda idoneja għal dak ix-xogħol. Tkompli tgħid illi l-attur stess bl-aġir tieghu kkontribwixxa għall-inċident u l-ħsara li konsegwentement sofra.*

*Min-naħa tieghu l-imħarrek Bonnici, jirribatti billi jgħid illi huwa qatt ma kien l-imgħallem tal-attur u għalhekk ma kellu l-ebda obbligu li jipprovdi a "safe system of work" kif ukoll "a safe place of work". Barra minn hekk jinsisti li qatt ma ta struzzjonijiet lill-attur la fil-kwalità tieghu personali u lanqas bħala rappreżentant tal-konsorzju. Jisħaq illi ma hemm l-ebda*

[12] **Frankie Refalo et v. Jason Azzopardi et**, *App.Ċivili, deċiża 5 ta' Ottubru, 2001.*

*ness kawżali bejnu u bejn il-ħsara li ġarrab l-attur u li huwa ma kkawża ebda dannu lill-attur.*

*Fid-dawl ta' dawn il-verżjonijiet kontrapposti spetta għall-Qorti li tistabbilixxi l-fatti kif jirriżultaw mill-proċess sabiex tagħmel il-kostatazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà u l-ħtija suċċessiva għall-inċident inkwistjoni. F'dan l-istadju l-Qorti tinnota li l-konvenuti ma humiex qed jikkontestaw il-fatt li nhar it-8 ta' Diċembru, 2015 l-attur safa' midrub f'għajnejh fl-impjant f'Tal-Kus Xewkija, Għawdex. Li jrid jiġi mistħarreġ issa huwa l-kwistjoni tar-responsabbiltà għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur;*

*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli generali kif ukoll speċjali. Hawnhekk jinħtieġ li ssir osservazzjoni importanti – ir-regoli jsibu l-applikazzjoni tagħhom meta l-impjegat jkun weġġa' waqt il-qadi ta' dmirijietu. Dan ifisser illi l-ewwel ma jrid jiġi stabbilit huwa x-xogħol tal-attur mas-soċjetà konvenuta Wasteserv Limited f'xhiex kien jikkonsisti billi jekk impjegat iweġġa' waqt li jkun qed jagħmel attività illi ma tkunx tirrafigura bħala parti mill-qadi ta' dmirijietu, ma jistax imbagħad jippretendi illi min iħaddmu jinstab responsabbli għall-ħsara illi huwa stess jkun sofra tort tal-aġir tiegħu.*

*Fil-każ in eżami jirriżulta li l-attur kien impjegat bħala "waste sorter"[13]. Fl-affidavit tiegħu huwa jafferma wkoll illi kien anke segwa b'suċċess kors ta' kif għandu jmexxi u jopera heavy plant equipment. Tant hu hekk illi anke ppreżenta ċ-ċertifikat li ngħata[14]. Billi kellu fil-pussess tiegħu tali ċertifikat huwa kien isuq il-bobcat u skont hu anke gaffa[15].*

*Dakinhar tal-inċident l-attur beda xogħol tal-Qortin u mbagħad skont hu:*

> *«l-inġinier Charlo qalli biex ninżel ix-Xewkija tal-Kus"[16]*
>
> *Mistoqsi għalfejn intalab mill-Inġinier biex jinżel f'tal-Kus, ir-risposta tal-attur kienet ċara:*
>
> *"Biex nippruvaw il-magna…….tal-conveyor, konna ħa nippruvaw il-griża….Dik biex nirriċiklaw.»*

*U aktar 'il quddiem fil-kontroeżami jkompli hekk:*

> *<u>«L-Avukat Dottor Gavin Gulia:</u>*
>
> *…….. Mela għidli naqra x'kont mort tagħmel hemmhekk barra li qalulek biex tneħħi l-imsiemer? Meta mort hemmhekk ma mortx filgħodu bid-designaton, ara jekk taqbilx miegħi, ma mortx għax qalulek mur aqla' l-imsiemer, imma mort biex tagħmel xogħol ieħor, naqblu?*

---

[13] *Ara xhieda ta Stefan Salamone a fol 205 tal-proċess, affidavit tal-attur a fol 29*
[14] *A fol 34 tal-proċess*
[15] *Ara x-xhieda tal-attur in kontroeżami a fol 319 tal-proċess*
[16] *Ara x-xhieda tal-attur in kontroeżami a fol 317 tal-proċess*

*<u>Ix-xhud :</u>*

*Iva'*[17]

*Imbagħad aktar tard għal mistoqsija:*

*"<u>L-Avukat Dottor Gavin Gulia</u>:*

*X'mort tagħmel, x'qalulek biex tagħmel dakinhar?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Mort biex nimbotta l-borża l-griża għal fuq il-conveyor*[18]*»*

*B'din ix-xhieda mogħtija mill-attur innifsu huwa ċar li l-attur bħala impjegat li jwettaq xogħlu mal-kumpanija konvenuta kien ingħata inkarigu ċar mill-imgħallem tiehu sabiex imur fl-impjant tal-Kus biex bil-bobcat jimbotta l-borża l-griża għal fuq il-conveyor belt. Dakinhar l-intiża kienet biex jippruvaw il-magna. L-attur kellu t-taħriġ meħtieg biex isuq il-bobcat. Barra minn hekk l-uffiċjal tal-Wasteserv Malta Limited, Charlo Buttigieg, il-persuna li tagħtu struzzjonijiet għan-nom tal-kumpanija imħarrka, biex imur f'Tal-Kus ma kienx ordnalu illi jmur juża l-bobcat sabiex jaqla' l-imsiemer. L-użu tal-bobcat kellu jkun BISS biex tiġi mbuttata l-borża l-griża għal fuq il-conveyor belt. Dak kien ix-xogħol mistenni mill-attur u li għalhekk jikkwalifika bħala qadi ta' dmirijietu.*

*Dan ifisser li l-meta weġġa' l-attur ma kienx waqt il-qadi ta' dmirijietu u ma kienx qed jagħmel dak mistenni minnu mis-soċjetà konvenuta.*

*Irid jingħad illi r-responsabbiltà ta' min iħaddem hija li jipprovdi ambjent ħieles mill-periklu. Dan jagħmlu billi anke jipprovdi lbies protettiv. L-attur iqajjem l-argument illi huwa ma ngħatax safety goggles u għalhekk dan skont hu, dan jikkostitwixxi nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti iżda ma tikkondividix dan l-argument. Jibda biex jingħad illi l-pretensjoni tal-attur li kellu jingħata safety goggles hija insostenibbi meta wieħed iqis illi l-biċċa xogħol li kien qed jagħmel meta seħħ l-inċident, ċjoè meta mar jaqla' l-imsiemer, ma kinitx dik pretiża mill-kumpanija u lanqas kien ix-xogħol li qabbditu jagħmel is-soċjetà konvenuta. Ġaladarba l-attur mar jaqla' l-imsiemer ad insaputa tal-imgħallem tieghu ma jistax imbagħad jargumenta li din kien imissha tfornih bis-safety goggles. Minn barra f'dan l-attur kien impjegat bħala "waste sorter" u ebda prova ma nġabet illi dik il-kategorija ta' ħaddiema kien suppost li jingħatalhom dawn is-safety goggles. Bl-argument tieghu l-attur donnu jrid jgħabbi lill-kumpanija konvenuta bir-responsabbiltà ta' inċident li seħħ waqt attività li hija ma tagħtux struzzjonijiet li jwettaq. L-argument tiegħu kien jirnexxi kieku kienet is-soċjetà konvenuta li tagħtu struzzjonijiet biex jaqla' l-imsiemer – li ma hux il-każ*[19]*. Hawnhekk irid*

---

[17] *A fol 322 tal-proċess*
[18] *A fol 324 tal-proċess*
[19] *A fol 133 tal-proċess*

*jingħad illi fil-Liġi nostrana huwa stabbilit li mhux l-imgħallem biss għandu dover jiehu ħsieb l-impjegat tieghu iżda huwa l-istess ħaddiem li għandu l-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tieghu nnifsu*[20] *u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi timponi fuq l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti. Għalhekk il-liġi timponi l-obbligu fuq il-ħaddiem*[21] *li jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel*[22]*. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tieghu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru*[23]

*Di più għalkemm huwa wkoll minnu li kull min iħaddem irid iġorr ir-responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*[24] *però din ma hix "strict liability" u jekk jintwera li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tieghu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew jiġi ppruvat li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh, allura r-responsabbiltà ma tibqax aktar ta' min iħaddem, anzi di più f'dawk iċ-ċirkostanzi r-responsabbiltà ta' min iħaddem tista' wkoll tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel*[25]*. Fil-każ in eżami l-attur għażel illi jaqla' l-imsiemer minkejja li dak ma kienx ix-xogħol li għalih kien mar f'tal-Kus*[26] *għax jirriżulta li l-attur kien intbagħat fl-impjant il-ġdid f'tal Kus sabiex "... juża l-Bobcat biex jimbotta l-iskart fuq it-tapit. Ikun hemm skart mifrux ma l-art, u bil-Bobcat, bil-bucket tal-Bobcat jimbuttah fuq tapit biex imbagħad tibda l-linja"*[27]

*Huwa ben ċar għalhekk illi meta l-attur aċċetta illi jsuq il-bobcat għall-ħaga oħra u mhux biex jimbotta l-iskart kif kien mistenni minnu mill-imgħallem tieghu, dan tal-aħħar ma jistax jinżamm responsabbli għall-ħsara li ġarrab l-attur aktar u aktar meta jirriżulta mill-provi li l-istruzzjoni biex jintuża l-makkinarju biex jinqalgħu l-imsiemer ma ngħatax mill-kumpanija mħarrka. Għaldaqstant din il-kumpanija konvenuta ma hix responsabbli għall-ħsara, u għalhekk isegwi illi lanqas ma tirrispondi għad-danni pretiżi.*

*Fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Mario Bonnici ma hemmx dubju però li kellu rwol ewlieni f'dak li ġara fil-jum tal-inċident u l-Qorti ma tistax twarrab minn fuqu sehem ta' ħtija għal dak li ġralu l-attur. Dan qed*

---

[20] *Art. 7 (1) Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta*
[21] *Reg. 15 tal-A.L. 36 tal-2003*
[22] ***Richard Farrugia v. Elbros Construction Limited****, Prim'Awla, deċiża 30 ta' Ottubru, 2008*
[23] ***Kevin Mallia v. Alf. Mizzi & Sons Ltd****, Prim'Awla, deċiża 9 ta' Ottubru, 2003*
[24] ***Art. 1032(1), Kodiċi Ċivili****, Kap 16 Liġijiet ta' Malta*
[25] ***Malcolm James Carter v. CC.Carparks p.l.c****, Prim'Awla, deċiża 4 ta' Novembru, 2015 (mhux appellata)*
[26] *Ara xhieda ta' Stefan Salamone a fol 207 tal-proċess*
[27] *Ara xhieda ta Stefan Salamone a fol 212 tal-proċess*

*jingħad billi minkejja li fl-affidavit tiegħu[28] dan il-konvenut jgħid li la huwa u lanqas il-konsorzju ma huma employers tal-attur u li hu qatt ma tah struzzjonijiet ta' kif għandha titħaddem il-gaffa, jirriżulta mod ieħor kemm mix-xhieda mogħtija kif ukoll mid-dokumenti esibiti fl-atti. Jirriżulta li dakinhar tal-inċident il-ħaddiema marru Tal-Kus mill-Qortin sabiex jitħarrġu u jiġi ppruvat makkinarju ġdid. Il-Qorti temmen ukoll illi meta l-imħarrek Bonnici nduna li kien hemm żewġ imsiemer sporġuti barra mill-konkos għall-ewwel ipprova jaqlagħhom hu[29] permezz ta' pala. Meta dan ma rnexxielux qal lill-attur sabiex juża l-bobcat[30]. Dan għamlu għax billi l-impjant f'Tal Kus kien għadu mhux qed jopera kien għad ma hemmx l-għodda kollha f'postha u għalhekk ħaseb illi juża l-banju tal-bobcat.*

*Infatti fil-kontroeżami ta' dan il-konvenut huwa xehed hekk:*

> ***«Dr. Chris Said: Ara tiftakarx li int stess għidtlu kif irid jagħmel il-banju tal-gaffa biex itajru?***
> ***……***
>
> ***Dr. Chris Said: Iva jew le!***
>
> ***Ix-xhud: Iva, hekk hu, kien hemm musmar ma' l-art."***
>
> *Il-pulizija PS 552 Matthew Grech[31] xehed mingħajr tlaqliq illi :*
>
> ***"L-Avukat Dr. Chris Said:***
>
> ***U Mario Bonnici x'qallek?***
>
> ***Ix-xhud:***
>
> ***Bonnici, mela, kien qalli li kien qabbad lil Cordina jaqla' l-imsiemer.»***

*Din ix-xhieda ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-imħarrek Bonnici effettivament bl-aġir tiegħu għen sabiex jimmaterjalizza l-inċident li kkawża d-dannu lill-attur.*

*Parti mid-difiża ta' dan il-konvenut hija li huwa ma jimpjegax lill-attur u għalhekk ma kellux obbligu li jipprovdi ambjent tax-xogħol fejn il-periklu huwa kkontrollat. Il-Qorti iżda, filwaqt li tirrikonoxxi li l-imħarrek Bonnici ma kienx l-imgħallem tal-attur dakinhar tal-inċident madankollu dan ma jfissirx li l-għemil tiegħu ma jġorr l-ebda piż. Tant hu hekk li r-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbiltà għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[32]. Barra minn hekk il-liġi tgħallem li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu[33], u jitqies fi ħtija kull minn fl-*

---

[28] *A fol 308 sa fol 309 tal-proċess*
[29] *Ara xhieda ta' Joseph Muscat a fol 146 tal-proċess*
[30] *Ara x-xhieda ta' Stefan Salamone a fol 209 tal-proċess*
[31] *A fol 121 sa fol 123*
[32] *Art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, Liġijiet ta Malta.*
[33] *Art. 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta*

*għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenża u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*[34].

*Illi f'dawn iċ-ċirkustanżi, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dan l-inċident seta' faċilment ġie evitat li kieku intużat l-għodda idoneja biex jinqalgħu l-imsiemer. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-imħarrek Bonnici jaċċetta li huwa pprova jaqla' l-imsiemer u meta ma rnexxilux ra lill-attur fil-bobcat u qallu biex jaqlagħhom hu*[35]*. Kif ġa ngħad huwa xehed ukoll li lill-attur wrieh kif jaqleb il-banju ħalli jkun jista' jaqlagħhom. Fil-mument li l-attur bit-taħriġ kollu li kellu, aċċetta li jagħmel dak mitlub, huwa rrenda lilu nnifsu parteċipi liema parteċipazzjoni fetħitu għal riskju mhux ġustifikabbli meta ddeċieda li juża l-bobcat għall-għan li ma kienx fil-programm tal-ġurnata u għall-użu li ma hux maħsub għalih. Kien jinkombi fuq l-attur ir-responsabbiltà li ma jieħux dak ir-riskju.*

*Fil-kamp tad-dritt dwar il-ħtija u d-danni sussegwenti huwa prinċipju assodat anke jekk f'qafas kuntrattwali bħalma huwa l-kuntratt tal-impieg, li jekk il-parti li tkun sofriet id-dannu tkun għażlet minn rajha li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax, imbagħad, titlob il-kumpens għal dak li jista' jigrilha minħabba dak l-istess periklu (ir-regola li "volenti non fit iniuria")*[36].

*Huwa fatt ukoll li persuna bl-agir tagħha tista' tirrendi lilha nnifisha suġġett għall-periklu, għalkemm hija ma tkunx ikkawżat għal kollox dak il-periklu, imma tkun ikkontribwixxiet jew ippparteċipat b'xi mod biex inħoloq dak il-periklu. F'każ bħal dak tali parteċipazzjoni jew kontributorjetà jnaqqas, xi ftit jew għalkollox, mill-ħtija tal-persuna li tkun tat lok għall-ġrajja li ġabet il-ħsara*[37]*. Issa huwa minnu li mill-atti jirriżulta għal aktar minn darba li kien l-imħarrek Bonnici li ta struzzjoni lill-attur biex juża l-bobcat, però l-istess attur seta' jirrifjuta illi jwettaq tali struzzjoni aktar u aktar meta huwa kien ben konsapevoli li l-imħarrek Bonnici ma kienx l-imgħallem tiegħu, li hu kien intbagħat f'Tal-Kus biex jimbotta l-iskart għal fuq it-tapit u kien jaf ukoll li l-bobcat ma hux l-għodda ntiża biex taqla' l-imsiemer. Minkejja dan kollu aċċetta li jagħmel dak li qallu l-imħarrek Bonnici. Fid-dawl ta' dak kollu li ġa ngħad hija l-fehma tal-Qorti li l-partijiet fil-kawża li għandhom sehem mill-ħtija tal-akkadut huma l-imħarrek Bonnici kif ukoll l-attur. Dan tal-aħħar ta sehmu ukoll f'dak li ġralu u dan bil-konsegwenzi legali li din iċ-ċirkostanża ġġib magħha*[38].

*Minbarra l-prinċipju enunzjat illi min jagħmel il-ħsara jrid iwieġeb għaliha, huwa imperattiv ukoll li jiġi stabbilit illi hija dik il-ħtija partikolari li kkaġunat id-dannu – dak hekk imsejjaħ in-ness bejn il-ħtija u d-dannu. F'każ fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess illi kkontribwixxiet jew ipparteċipat biex immaterjalizza dak id-dannu lamentat, il-Qorti hija*

---

[34] *Art. 1032(2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta*
[35] *Ara Pg. 9 tas-sottomissjonijiet*
[36] ***Tessie Cardona et v. CV Builders Ltd**, App. Ċivili, deċiża 28 ta April, 2017*
[37] ***Josef Farrugia v. Christopher Carabott**, Appell Ċivili, deċiża 3 ta' Frar, 2012*
[38] *Art. 1051 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 Liġijiet ta' Malta*

*mogħnija bid-diskrezzjoni li tqis f'liema grad il-parti tkun ikkontribwiet jew ipparteċipat għall-ħsara li batiet. Dan ifisser li jista' jkun hemm tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li altrimenti jkun dovut lill-persuna li tkun batiet id-dannu jekk jkun ippruvat illi hija ppartecipat fil-ħolqien tal-ħsara. Ġaladarba eżerċizzju bħal dan huwa mħolli f'idejn il-Qorti u l-ligi kif inhi ma tippreskrivi l-ebda regola, il-provi prodotti mill-partijiet huma determinanti.*

*Il-pass li jmiss għalhekk huwa li l-Qorti tqis jekk il-ħtija li ġiet attribwita lil imħarrek Bonnici u lill-attur kellhiex rabta mad-dannu attwalment mġarrab minn dan tal-aħħar. L-attur ippreżenta l-opinjoni ta' espert ex parte Profs. Thomas Fenech illi jorbot il-ħsara li ġarrab l-attur ma' l-inċident li seħħ f'Tal Kus. Fil-konklużjonijiet tiegħu, l-espert jipproġetta illi id-diżabbiltà li sofra l-attur hija ta' natura permanenti u l-perċentwali ta' debilità tista' titla' sa tletin fil-mija (30%) jekk jispiċċa jitlef id-dawl ta' dik l-għajn. Waqt ix-xhieda li ta' Profs. Fenech qal hekk:*

> *«l-injuries li rajt huma typical of an injury. Kellu l-iris li ma tiffunzjonax, catalyst typical of traumatic cataract. Ma kienx hemm underlying causes oħra bħal diabete li setgħu effettwaw dan kollu[39].»*

*Il-Qorti tinnota li ħadd mill-intimati ma kien preżenti għas-seduta meta xehed l-espert ex parte, u għalkemm il-kontroeżami ġie riżervat ma talbux biex dan isir.*

*Minbarra l-espert mediku ex parte l-Qorti nnominat ukoll espert tagħha, Mr. Benedict Vella Briffa. Fir-rapport tiegħu jikkonkludi li l-attur sofra debilità ta' sebgħa u għoxrin fil-mija (27%). Ħadd mill-partijiet ma kkontesta l-konklużjoni tal-espert mediku. Da parti tagħha l-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex ma għandhiex toqgħod fuq is-sejbien tal-espert maħtur minnha u għalhekk ser taddotta r-rapport u tagħmlu tagħha.*

*Tenut kont tal-provi kollha l-Qorti jidrilha għalhekk, li filwaqt li l-attur għandu jerfa' nofs (1/2) mill-ħtija ta' dak li ġralu, l-imħarrek Bonnici irid jerfa' n-nofs (1/2) l-ieħor.*

*Il-Qorti issa trid tgħaddi għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq lill-attur. Fit-talbiet tiegħu l-attur jitlob li jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (lucrum cessans) kif ukoll id-danni emerġenti (damnum emergens). Mill-provi prodotti jidher li t-talba tiegħu hija msejsa fuq il-fatt li riżultat ta' l-inċident huwa tilef konsiderevolment l-użu ta' għajnejh il-leminija, kif ukoll għamel spejjeż li kieku ma kinux għall-inċident ma kienx jagħmilhom. Biex tasal għal-likwidazzjoni aħħarija jmiss lill-Qorti li tqis it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata minn dakinhar ta' l-inċident sal-lum, u dak li se jbati fil-futur riżultat tan-natura permanenti tal-inkapaċità li sofra, kif ukoll tara l-provi dwar l-ispejjeż inkorsi mill-attur.*

*Rigward il-kumpens, dan huwa marbut sew mal-fatt li konsegwenza tal-korriment il-vittma titlef opportunitajiet li kieku ma kienx għall-inċident*

[39] *A fol 262 tal-proċess*

*kienet tkun tista' tgawdihom. Dan anke jekk wara l-inċident tkun baqgħet tippreċepixxi l-istess paga jew addirittura kellħa titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol*[40]*.*

*Illi fil-każ preżenti, it-telf ta' qligħ fil-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li l-attur kellu erbgħin (40) sena meta seħħ l-inċident. Huwa kien jaħdem full time. Stefan Salamone fix-xhieda tiegħu*[41] *jgħid li l-paga li kien jirċievi mill-2012 'il quddiem ma nbidlitx u kienet ta' ħdax-il elf mija u ħmistax-il elf ewro u sittin ċenteżmu (€11,115.60) bħala paga bażika. Ma' dik il-paga kellu tliet allowances; waħda għal wear and tear fl-ammont ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), shift allowance ta' tliet mija u tliet ewro u erbgħin ċenteżmu (€303.40), u land fill allowance fl-ammont ta' elf mija erbgħa u tmenin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€1184.68). L-ammonti appena ċitati magħdudin flimkien igibu total ta' tnax-il elf tmien mija u sittax-il ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€12,816,62).*

*Madankollu minn dokument maħrug mill-kumpanija mħarrka u ppreżentat in atti minn Charlo Buttigieg*[42] *jirriżulta li l-pakkett tas-salarju inkluż l-allowance tal-attur tammonta għal tlettax-il elf, seba' mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€13,799.92). Għalkemm bejn l-ammont ikkwotat fil-paragrafu ta' qabel dan u l-ammont ikkwotat fid-dokument maħruġ mill-Wasteserv Malta Limited hemm diskrepanza din il-Qorti ser tibbaża l-kalkolu tagħha ta' kumpens fuq dan l-aħħar ammont u dana billi jirrriżulta minn dokument maħrug mis-soċjetà mħarrka.*

*Ingħad f'sentenzi riċenti li tenut kont tal-età tal-attur meta seħħ l-inċident huwa importanti wkoll li jittieħed kont tal-inċertezza ta' chances and changes of life. Dan ifisser li għalkemm l-attur kellu aspettattiva ta' ħajja lavorattiva ta' 25 sena, il-Qorti ma tistax tinjora l-inċertezza tal-ħajja. Il-multiplier ma hux kejl riġidu li jiġi applikat awtomatikament. Il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tasal għall-multiplier ġust u dana f'każ fejn l-aspettattiva hija fit-tul u konsegwentement l-inċertezza tkun akbar. Il-multiplier għandu jiġi applikat sabiex ikun stabbilit bilanċ bejn id-dritt tal-korrut u l-obbligu ta' min ikkawża l-ħsara. Mhux il-każ li wieħed jadoperah bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa kamp fejn għandha treġi l-moderazzjoni. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u li l-attur fl-2015 kellu 40 sena, din il-Qorti tqis li multiplier ta' 25, bħala wieħed l-aktar addattat.*

*Imiss issa tiġi trattata t-tnaqqis minħabba l-lump sum payment. Huwa ormai paċifiku li "soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-perċentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawża*

---

[40] ***Maurice Cini et v. MKIC Ltd. et**, Prim'Awla, deċiża 10 ta Ottubru, 2019.*
[41] *A fol 206 tal-proċess*
[42] *A fol 55 tal-proċess*

*ddum aktar minn sentejn, il-perċentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.[43]"*

*Huwa stabbilit ukoll li dan it-tnaqqis għandu jibda jiġi kkalkolat minn meta tiġi intavolata l-kawża u mhux minn meta seħħ l-inċident. F'dan il-każ l-attur fetaħ il-kawża sentejn wara li ġara l-inċident, u għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti t-tnaqqis li għandu jsir in linea mar-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza, sejjer isir tnaqqis ta' tnejn fil-mija (2%) mis-somma ta' danni likwidata;*

*Billi l-Qorti sejra toqgħod fuq il-fehma tal-espert mediku nnominat minnha u dana għar-raġunijiet ġa mogħtija, hija sejra tadotta l-perċentwali globali ta' sebgħa u għoxrin fil-mija (27%) bħala debilità sħiħa li qiegħed iġorr l-attur u li sejra tibqa' miegħu tul ħajtu;*

*Għalhekk għall-fini li jiġi komputat il-lucrum cessans din il-Qorti ser tadotta s-segwenti: Paga - €13,799.92;*
*Diżabbiltà - 27%;*
*Multiplier (25) – ħamsa u għoxrin sena.*

*Kwindi tlettax-il elf seba' mija u disgħa u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€13,799.92) x 25 = tliet mija u erbgħa u erbgħin elf disa' mija u tmienja u disgħin ewro (€344,998) x 27% = tlieta u disgħin elf mija disgħa u erbgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€93,149.46).*

*Minħabba li l-Qorti ma sabitx lis-soċjetà konventa Wasteserv Malta Limited responsabbli għad-danni iżda kkonkludiet li l-attur irid jerfa' nofs id-danni minħabba li kkontribwixxa għad-danni bl-aġir tiegħu stess, fil-waqt li l-imħarrek Bonnici irid jerfa' r-rimamenti nofs l-ieħor, dan iwassal għal-likwidazzjoni tad-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' sitta u erbgħin elf, ħames mija erbgħa u sebgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€46,574.73).*

*Barra mil-lucrum cessans l-attur talab ukoll id-damnun emergens. L-***Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** *jipprovdi hekk fir-rigward tad-damnum emergens:*

> ***«1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali…»***

*L-attur ppreżenta skorta ta' riċevuti[44] ta' spejjeż inkorsi minnu riżultat tal-inċident. L-ammont komplessiv ta' dawn l-ispejjeż huwa ta' elf, mija wieħed u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1141.87). Ebda*

---

[43] ***Joseph Agius v. All Services Ltd***. *Deċiża 2 ta' Ġunju, 2005*

[44] *A fol* 99 *et seq* tal-proċess

*waħda minn dawn l-irċevuti ma ġiet kontestata min-naħa tal-imħarrkin u għalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont imsemmi u li jirrappreżenta d-damnum emergens huwa mistħoqq. Però jrid jingħad illi f'dan il-każ ukoll minħabba l-kontributorjetà tal-attur għall-inċident, nofs dan l-ammont għandu jkun sopportat mill-attur innifsu, filwaqt li n-nofs l-ieħor huwa dovut mill-imħarrek Bonnici li jfisser li l-ammont dovut lill-attur qua damnum emergens jammonta għal ħames mija u sebgħin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€570.93).*

*B'dan illi l-ammont totali in likwidazzjoni ta' danni, jiġifieri l-lucrum cessans flimkien mad-damnum emergens dovut lill-attur jammonta għal sebgħa u erbgħin elf, mija ħamsa u erbgħin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€47,145.69).»*

11. Il-konvenut Bonnici ressaq l-appell tieghu mill-imsemmija sentenza, b'sitt aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti motivazzjoni xierqa rigward iċ-ċaħda tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tiegħu; (ii) li wettqet apprezzament żbaljat tal-provi peress li huwa qatt m'aġixxa f'ismu personali; (iii) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ħelset lill-kumpanija konvenuta Wasteserv Malta Limited minn kwalsiasi ħtija għall-inċident taħt eżami u minflok xeħtet il-ħtija fuqu; (iv) li huwa ma kellu l-ebda awtorità fuq l-attur u għalhekk ma setax jagħtiħ xi "struzzjonijiet" u ma teżisti l-ebda kulpa akwiljana; (v) li huwa kellu jiġi meħlus mir-responsabbiltà għall-inċident ukoll skont il-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria;* u (vi) li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija wkoll żbaljata fir-rigward tal-*quantum* tad-danni li waslet għalih.

12. L-attur ressaq ukoll appell mill-imsemmija sentenza, fejn isejjes l-appell tiegħu fuq tliet aggravji, ċjoè: (i) li l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-kumpanija konvenuta Wasteserv Malta Limited kienet ukoll responsabbli

għall-inċident ladarba huwa kien impjegat magħha; (ii) li l-attur appellant jilmenta wkoll sa fejn l-Ewwel Qorti sabet li huwa kien responsabbli bin-nofs għall-inċident li seħħ, peress li huwa jsostni li ma kien responsabbli bl-ebda mod għall-inċident taħt eżami; u (iii) li l-Ewwel Qorti applikat *multiplier* ħażin meta nħadem il-*lucrum cessans.*

13. Il-konvenut Mario Bonnici wieġeb għall-appell tal-attur billi filwaqt li jtenni l-pożizzjoni tal-appell ewlieni tiegħu illi l-kumpanija Wasteserv Malta Limited kellha ġġorr ukoll ir-responsabbiltà għall-inċident, u li l-attur kellu wkoll iġorr parti mir-responsabbiltà għall-akkadut, jislet dawk li fil-fehma tiegħu huma inkonsistenzi f'dik il-parti tas-sentenza appellata li għandha x'taqsam mal-likwidazzjoni tad-danni.

14. Il-kumpanija appellata Wasteserv Malta Limited wieġbet permezz ta' risposta tal-appell tagħha u fissret għala fil-fehma tagħha, l-aggravji tal-appellanti konvenut Bonnici u tal-attur Joseph Cordina ma kellhomx jintlaqgħu.

15. Inżamm smigħ dwar iż-żewġ appelli fl-20 ta' Ġunju, 2024, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Fl-**<u>ewwel aggravju tiegħu, il-konvenut appellant</u>** jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha għażlet li tiċħad it-tieni u t-

tielet eċċezzjonijiet tiegħu, dan sar permezz ta' żewġ paragrafi qosra, mingħajr ma ngħataw raġunijiet dettaljati, kif meħtieġ fl-**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u dan bi preġudizzju għad-dritt tieghu għal smigħ xieraq. Jilmenta li dan wassal sabiex il-Qorti kkonkludiet li huwa kien leġittimu kontradittur f'ismu personali fil-proċeduri taħt eżami. Il-konvenut appellant isostni li dan in-nuqqas ta' motivazzjoni jsarraf f'nuqqas serju u jmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja proċedurali, li għandu jwassal għan-nullità tas-sentenza appellata.

17. Din il-Qorti tosserva li l-liġi tipprovdi li huwa dejjem meħtieġ li l-Qrati jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom (ara **Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) u li kull dikjarazzjoni deċiżiva jew obbligatorja għandha tkun fid-dispożittiv tas-sentenza (ara wkoll l-**Artikolu 219 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili)**.

18. Kif ingħad drabi oħra, fis-sentenzi ta' din il-Qorti, il-ħtieġa li kull sentenza tal-Qrati tkun motivata, tirrifletti wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ġustizzja naturali, li d-deċiżjoni jrid ikun fiha r-raġuni l-għala tkun ingħatat deċiżjoni u mhux oħra. Il-ħtieġa ta' motivazzjoni xierqa f'sentenza tqieset dejjem bħala element kostitutiv ewlieni biex jiddetermina s-siwi ta' sentenza, għaliex dan mhux biss isejjes il-parti dispożittiva tagħha, imma jfisser lill-partijiet kif u għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik id-deċiżjoni (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tad-9 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet

***Lorenza sive Lora Cascun v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fl-ismijiet ***Joseph Sammut et v. Carmelo sive Charles Scerri et***).

19. Ingħad ukoll li l-motivazzjoni f'sentenza ma titlobx li l-Qorti toqgħod issemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemha, iżda jkun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dik il-Qorti jwassal biex jorbtu ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Panta Marketing and Services Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana)*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2021).

20. Hekk ukoll, kif osservat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Jamar Malta Limited v. Office Group Limited***, huwa tassew magħruf fil-ġurisprudenza, li fl-istħarriġ tagħha dwar jekk sentenza tkunx motivata kif imiss jew le, dak li jgħodd mhuwiex in-numru ta' paragrafi li jitniżżlu bħala konsiderazzjonijiet (ara ***Michael Farrugia v. Alexander Galea*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010 u ***Frank P Borg Limited v. Joseph Camilleri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fit-28 ta' Mejju, 2010).

21. Minflok, dak li jħoll u jorbot kollox huwa, jekk minn qari tas-sentenza, wieħed ikunx jista' jislet dawk ir-raġunijiet li għalihom il-Qorti tkun waslet għax-xorta ta' deċiżjoni li tkun tat (ara ***Inġinier Joseph***

***Bajada v. Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021 u ***Joe Bonello v. Paul Farrugia et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2005).

22. Sakemm wieħed ikun jista' jifhem għalfejn il-Qorti tkun waslet għal ċertu konklużjoni u mhux oħra, dik is-sentenza għandha għalhekk titqies li tkun motivata, u dan irrispettivament minn jekk dawk ir-raġunijiet ikunux tajbin, jew inkella biżżejjed biex il-Qorti setgħet tasal għad-deċiżjoni li tkun waslet għaliha (ara ***Albert Cassar et v. Il-Prim Ministru et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju, 2022).

23. Minn dan kollu jinżel li l-konvenut appellant ma jistax jingħad li għandu raġun fl-ewwel aggravju tiegħu. Minn qari tas-sentenza appellata, jirriżulta ċar li r-raġuni għala l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu kienet li l-istess konvenut appellant kienet il-persuna li qabbdet lill-attur jaqla' l-imsiemer ingastati fl-art bl-użu tal-*bobcat.* Irrispettivament minn jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġun jew le li tasal għal din il-konklużjoni, u lil hemm mill-fatt jekk dik ir-raġuni mogħtija mill-Ewwel Qorti kinitx tajba biżżejjed, sabiex hija ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, din il-Qorti jidhrilha li huwa ċar għalfejn kien hemm ċaħda tal-eċċezzjonijiet u tqis li l-konvenut seta' jifhem sew għala l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni tagħha.

24. Jiġi b'hekk, li l-ewwel aggravju fl-appell tal-konvenut appellant mhuwiex mistħoqq, u qiegħed jiġi miċħud.

25. Fil-każ tat-**<u>tieni aggravju tal-konvenut appellant</u>**, jiġifieri li sar apprezzament żbaljat tal-provi peress li huwa qatt m'aġixxa f'ismu personali, Bonnici jisħaq li fejn seħħ l-inċident huwa proprjetà tal-kumpanija Wasteserv Malta Limited. Itenni li huwa kien direttur fi ħdan il-kumpanija Bonnici Brothers Contractors Limited, li kienet tagħmel parti minn konsorzju bl-isem BS Environment JV, flimkien mal-kumpanija Sidercamma s.r.l., liema konsorzju kien daħal f'kuntratt mal-kumpanija WasteServ Malta Limited, wara li ntgħażel wara sejħa għall-offerti għal "*Design, Build and Operate the Gozo Waste Treatment and Transfer Facility at Tal-Kus, l/o Xewkija, Gozo*". Għalhekk jisħaq li l-preżenza tiegħu fuq is-sit kienet dik ta' rappreżentant tal-konsorzju, li kien inkarigat mill-bini tal-impjant u għalhekk ma kellu l-ebda interess jew skop li jkun preżenti fuq is-sit fil-vesti personali tiegħu. Il-konvenut appellant isostni kif ladarba huwa kien preżenti fuq is-sit f'isem il-konsorzju, kien dan il-konsorzju, jew il-kumpaniji li jiffurmawh li kellhom jiġu mħarrka u mhux huwa personalment. Barra minn hekk, il-konvenut appellant jagħmel referenza għad-dokumenti esibiti fl-atti, iffirmati minnu bħala direttur jew *partner* tal-konsorzju sabiex jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu.

26. Mhux kontestat li l-konvenut appellant huwa direttur fi ħdan il-kumpanija li kienet tifforma parti mill-konsorzju inkarigat mix-xogħlijiet tal-bini tal-impjant il-ġdid tal-Wasteserv f'Għawdex. Lanqas jirriżulta li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u l-kumpanija li l-konvenut appellant huwa direttur tagħha jew ma' dan il-konsorzju inkarigat mix-xogħlijiet. Madankollu, ma hemmx dubju f'għajnejn din il-Qorti li l-konvenut appellant Bonnici kellu rwol ewlieni fl-inċident li seħħ li fih weġġa' l-attur, hekk kif kien il-konvenut Bonnici li qal lill-attur sabiex ineħħi l-imsiemer ingastati fl-art tal-konkos bl-użu tal-*bucket* tal-*bobcat.* Rilevanti f'dan is-sens hija d-dikjarazzjoni li għamel l-istess Bonnici mal-pulizija *a tempo vergine* wara l-inċident, kif jirriżulta mir-rapport tal-pulizija dwar l-inċident (ara paġna 126 tal-proċess).

27. Ġaladarba, fi kliem l-istess konvenut, huwa kien inkarigat mill-konsorzju sabiex jieħu ħsieb il-kostruzzjoni tal-impjant, huwa ma kellu l-ebda awtorità jqabbad lill-attur (impegat mal-kumpanija Wasteserv) iwettaq ix-xogħol li jneħħi l-imsiemer ingastati fl-art tal-konkos tal-impjant. Għalhekk isegwi li, kien qiegħed jaġixxi lil hemm minn dak li huwa stess iddikjara li kien l-inkarigu tiegħu. Għal dan l-aġir ma jistax iwieġeb il-konsorzju li ngħata l-appalt, jew il-kumpanija li tagħha l-konvenut huwa direttur, iżda għandu jwieġeb l-istess konvenut li qabbad lill-attur jagħmel xi ħaġa meta ma kellu l-ebda jedd li jagħmel dan.

28. Il-liġi tgħallem li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu (**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**) u li jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili**). Mingħajr ma tidħol wisq fil-mertu, din il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li l-attur għamel ħażin meta ħarrek lill-konvenut fil-vesti personali tiegħu. Dan għaliex wara kollox kien il-konvenut Bonnici li qal lill-attur sabiex iwettaq dik l-azzjoni li wasslet għall-inċident taħt eżami, meta dan ma kellu l-ebda awtorità mogħtija lilu f'dan is-sens.

29. Il-fatt li din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-konvenut appellant huwa leġittimu kontradittur u għandu jwieġeb f'ismu personali, ma jfissirx li b'daqshekk il-konvenut appellant għandu jwieġeb għar-responsabbiltà tal-inċident li seħħ. Din hija materja separata li ser tiġi indirizzata taħt aggravju ieħor aktar 'il quddiem.

30. Għaldaqstant lanqas dan it-tieni aggravju tal-konvenut appellant mhu mistħoqq.

31. Imiss li jiġi mistħarreġ it-**<u>tielet aggravju tal-konvenut appellant</u>**, li huwa l-istess bħall-**<u>ewwel aggravju tal-attur appellant</u>**, jiġifieri li l-kumpanija Wasteserv Malta Limited ma kellhiex tinħeles minn kwalsiasi ħtija għall-inċident u li din kellha titqies responsabbli wkoll għall-inċident

ġaladarba l-attur kien impjegat magħha. Il-konvenut appellant jilmenta li d-deċiżjoni li teħles lill-kumpanija konvenuta kienet waħda legalment żbaljata, hekk kif huwa intbagħat fuq is-sit inkwistjoni, minkejja li kienu għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet fuq is-sit, meta hija kellha tassigura li l-lant tax-xogħol kien ħieles minn kull periklu u li tipprovdi l-ilbies protettiv meħtieġ sabiex tnaqqas ir-riskju li l-impjegati tagħha jkorru. Dan minbarra li l-appellant Bonnici jsostni li l-kumpanija konvenuta kellha tipprovdi s-sorveljanza fuq is-sit fejn seħħ l-inċident, ladarba bagħtet il-ħaddiem tagħha hemm, u dan billi tibgħat *safety officers* sabiex jagħmlu *risk assessment,* kif ukoll billi tipprovdi t-tagħmir protettiv meħtieġ, li lanqas kien jeżisti fuq is-sit. Il-konvenut appellant għalhekk jilmenta li l-Ewwel Qorti warrbet dawn il-provi kollha meta għażlet li teħles lill-kumpanija konvenuta minn kull responsabbiltà għall-inċident li seħħ.

32. L-attur appellant ukoll ħassu aggravat bis-sentenza appellata peress li huwa kien fil-fatt impjegat mal-kumpanija konvenuta Wasteserv Malta Limited u li kien intbagħat fuq is-sit fejn seħħ l-inċident mill-istess superjur tiegħu sabiex jagħmel xi xogħol f'dan l-impjant. L-attur appellant jislet mill-ġurisprudenza sabiex ifisser l-obbligi ta' min iħaddem, fosthom dak li jaċċerta ruħu li l-ambjent fejn jaħdmu l-impjegati jkun wieħed sigur. Isostni li l-istess kumpanija konvenuta appellata naqset ukoll milli tosserva l-obbligi ta' min iħaddem skont l-**Artikolu 6 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**, hekk kif ma

ġewx identifikati r-riskji fuq il-post tax-xogħol, ma ngħatax it-tagħmir protettiv meħtieġ u l-makkinarju li kien qiegħed jaħdem fuqu kien provdut lilu mill-istess kumpanija konvenuta ma kellux il-protezzjoni meħtieġa.

33. Jitqies xieraq li din il-Qorti tibda billi tosserva li ma hemm ebda forma ta' *strict liability* li tpoġġi lil min iħaddem f'qagħda li jkollu ta' bilfors jagħmel tajjeb għall-korriment li jkun seħħ fuq il-post tax-xogħol. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-argument taż-żewġ appellanti li l-attur kien fil-fatt impjegat tal-kumpanija Wasteserv Malta Limited u li ntbagħat fuq is-sit fejn seħħ l-inċident. Fejn jidħlu inċidenti bħal dawn, meta persuna tkorri waqt il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq l-attur. Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħħa. Dan peress li l-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li kellu jipprova l-attur huwa li dak li seħħ kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas tal-konvenuti (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Francis Buhagiar et v. Segretarju tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta*** deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009, ***Victoria Vella nomine v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** mogħtija fil-25 ta' Ottubru, 2023 u ***Roberta Cassar pro et noe v. Polidano Brothers Limited*** deċiża fil-25 ta' April, 2024).

34. Madankollu, tajjeb jiġi enfasizzat li r-regola ġenerali f'dan il-qasam hi li min iħaddem irid jipprovdi sistema ta' xogħol sigur – *a safe system of work* – (ara l-**Artikolu 6(1) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**). Hemm grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, tant li min-naħa tiegħu dan għandu jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward (ara ***George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2009).

35. Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem hemm: (i) il-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji u l-perikli marbuta max-xogħol; (ii) it-teħid mill-bidu tal-miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu dawn ir-riskji sa fejn ikun raġonevolment prattiku; (iii) id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ; u (iv) is-superviżjoni tal-ħaddiema sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tagħhom (ara l-**Artikolu 6(2)** u **(3) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** u s-sentenzi fl-ismijiet ***George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited*** ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2023).

36. Fil-każ tal-lum, mill-provi rriżulta li numru ta' ħaddiema, fosthom l-attur, daħlu fuq is-sit tal-impjant il-ġdid fuq struzzjoni tal-Inġinier inkarigat

mill-kumpanija konvenuta appellata, li kien superjuri tagħhom sabiex jingħatalhom taħriġ fuq il-makkinarju ġdid li kien hemm installat. Għalkemm kien sar il-ftuħ ta' dan l-impjant il-ġdid, ma kienx għadu uffiċjalment f'idejn il-kumpanija konvenuta, iżda kien għadu taħt il-kontroll tal-konsorzju li ngħata l-appalt. Għalkemm sar *Incident Investigation Report* mill-*Health and Safety Officer* tal-kumpanija konvenuta appellata, wara l-inċident (ara rapport f'paġni 58 sa 86 tal-proċess) ma rriżultax li sar xi *risk assessment* sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji u l-perikli marbuta max-xogħol qabel ma ntbagħtu l-ħaddiema tal-kumpanija konvenuta fuq il-lant tax-xogħol il-ġdid. Għalkemm irriżulta li normalment kien isir ir-*risk assessment* b'rabta max-xogħol tal-ħaddiema, madankollu ma kellhomx *safety officer* fuq is-sit (ara paġna 217 tal-proċess).

37. Dan meta, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li titħaddem sistema xierqa ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Tabilħaqq din il-Qorti tqis li l-kumpanija konvenuta appellata (Wasteserv) kellha d-dover li tassigura li l-lant tax-xogħol assenjat lill-impjegati tagħha kien wieħed sigur. Fin-nuqqas ta' prova li l-kumpanija konvenuta Wasteserv għaddiet id-doveri tagħha riżultanti mil-liġi lil ħaddieħor, hija ma tistax teħles mir-responsabbiltà ta' min iħaddem.

38. Ġaladarba l-kumpanija Wasteserv Malta Limited bagħtet lill-attur fl-impjant il-ġdid, hija kellha tiżgura li l-ambjent tax-xogħol ikun ħieles mill-periklu. Kieku għamlet dan, kienet tinduna bl-imsiemer ingastati fl-art li kienu qegħdin jisporġu 'l barra u li allura kienu ta' periklu u tara kif dawn għandhom jitneħħew bl-użu tal-għodda u t-tagħmir protettiv xierqa, bl-inqas periklu għall-ħaddiema tagħha. Wara kollox, il-fatt li min iħaddem jibgħat lill-ħaddiema tiegħu f'post ta' ħaddieħor jew li ħaddieħor għandu kontroll fuqu, ma jeħilsuhx mir-responsabbiltà li jara li dak l-ambjent ma jkunx ta' periklu għall-ħaddiema tiegħu, li jitneħħa l-periklu li jista' jiġi evitat u li jittieħdu l-prekawzjonijiet xierqa kontra dak il-periklu li ma jistax jiġi evitat.

39. B'rabta mat-tema li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol li ma jkunx ta' periklu u ta' riskju għas-saħħa tal-ħaddiema, rilevanti wkoll dak li ngħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet ***George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited***, fejn saret referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-20 ta' April, 2007, fil-kawża fl-ismijiet ***Mayer Scicluna v. TN Waterproofing Limited***:

> **«***Jekk mhux dejjem ikun possibbli li s-sit jiġi invistat qabel ma jintbagħtu l-ħaddiema, min iħaddem għandu, mal-ħaddiema tieghu, jibgħat supervisor tal-esperjenza biex jara li s-sit fejn ikun se jaħdmu l-ħaddiema ikun safe. Hu presumibbli li f'sit ta' kostruzzjoni jkun hemm debris u imbarazz mixhud 'l hawn u 'l hinn, u hu obbligu ta' min iħaddem biex jagħmel tajjeb għal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u għaqal, li jaqgħu fiha l-ħaddiema u li ħafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attività industrijali (“***Grech vs Farrugia noe****”, deċiża mill-Onorabbli Qorti*

*tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 1994). Kif intqal drabi oħra "employees tend to get careless about risks involved in their daily work", u hu l-obbligu ta` min iħaddem li jikkawtela kontra dan ("**Schembri vs Caruana noe**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-12 ta' Jannar, 1983).»*

40. Minn dan kollu jinżel li l-kumpanija konvenuta f'dan il-każ, naqset milli tassigura li l-lant tax-xogħol kien wieħed sigur għall-ħaddiema tagħha u naqset milli tipprovdi wkoll superviżjoni xierqa. Is-superviżjoni hija waħda mill-kwalitajiet li min iħaddem irid juri, li mexa b'mod responsabbli mal-ħaddiema tiegħu (ara sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Cini v. George Wells et noe***).

41. Barra minn hekk, għalkemm fir-rapport imsemmi qabel, jingħad li l-metodu l-aktar sigur sabiex jitneħħew l-imsiemer kien bl-użu ta' *claw hammer* jew *pliers,* u fin-nuqqas ta' dawn, li wieħed jilbes forma ta' protezzjoni għall-għajnejn, mill-provi rriżulta li l-attur kien ingħata *safety shoes* u *high visibility vest.* Mentri l-*policy* tal-kumpanija konvenuta appellata, fiż-żmien tal-inċident, kienet li s-*safety goggles* jingħataw lil dawk il-ħaddiema li jitolbuhom! It-tagħmir għandu jingħata minn min iħaddem. Dan huwa obbligu impost bil-liġi u l-prinċipal tax-xogħol m'għandux joqgħod jistenna lill-ħaddiem jitkarrab għat-tagħmir. Madankollu, jingħad ukoll li kien għad m'hemmx *store* fl-impjant il-ġdid (ara x-xhieda f'paġni 47, 215 u 240 tal-proċess), b'dan li allura lanqas li kieku l-attur talabhom ma kien se jinqeda! Minn dan kollu jinżel li tabilħaqq

il-kumpanija konvenuta Wasteserv naqset mid-doveri tagħha fil-konfront tal-attur.

42. Dan jingħad peress li huwa obbligu ta' min iħaddem li jidentifika r-riskji marbuta max-xogħol f'kull sit fejn il-ħaddiema jintbagħtu biex jaħdmu. Hekk ukoll, kif rajna, il-ħaddiema tal-kumpanija konvenuta appellata dakinhar tal-inċident, ma kellhomx aċċess għal tagħmir protettiv li seta' kien meħtieġ, obbligu ieħor tal-kumpanija konvenuta, li kellha tkun ċerta li t-tagħmir provdut lill-ħaddiema jkun wieħed adegwat. Dan id-dover kien magħruf mill-kumpanija konvenuta, tant li dan il-punt huwa wieħed minn dawk identifikati minnha fl-*Action Plan* (ara paġna 64 tal-proċess) <u>wara</u> li seħħ l-inċident.

43. B'żieda ma' dan, tajjeb li wieħed isemmi wkoll il-punt li min iħaddem ma jinħelisx mir-responsabbiltà sempliċiment għaliex jipprovdi tagħmir protettiv. Min iħaddem għandu d-dmir ukoll li jieħu ħsieb li jbiddel it-tagħmir protettiv meta dan jispiċċa maż-żmien u li jaġġorna l-istess tagħmir maż-żminijiet tal-lum. Hekk ukoll, min iħaddem għandu jieħu ħsieb li jkun hemm superviżjoni effettiva, kif ukoll li jdaħħal miżuri sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu qegħdin jilbsu t-tagħmir protettiv provdut lilhom (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2021).

44. Mill-provi rriżulta li l-attur ingħata taħriġ sabiex huwa jkun jista' jopera ċertu tip ta' makkinarju (ara Dok. JC1 f'paġna 34 tal-proċess). Iżda mill-provi ma jirriżultax li l-ħaddiema tal-kumpanija konvenuta appellata ngħataw xi taħriġ fuq materja ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, jew ingħataw tagħrif dwar x'tip ta' tagħmir protettiv ikun meħtieġ marbut ma' xogħlijiet differenti, kif imsemmi fir-rapport ta' wara l-inċident (ara paġna 64 tal-proċess).

45. Fir-rigward tal-makkinarju *(bobcat* jew aħjar *skid steer loader)* li kien qiegħed jintuża mill-attur, mill-atti jirriżulta li dan il-makkinarju kien mikri mill-kumpanija konvenuta mingħand il-konsorzju li rebħet l-appalt għall-bini tal-impjant (ara d-dokumenti f'paġni 352 sa 360 tal-proċess). Dan il-makkinarju li kien qiegħed jintuża fil-mument tal-inċident (għalkemm debitament ċertifikat – ara paġna 365 tal-proċess) ma kellux *windscreen* peress li ma kinitx waħda mill-kriterji meħtieġa meta nxtrat (ara paġni 366 u 367 tal-proċess), mentri l-makkinarju li beda jintuża wara l-inċident kellu *shield* permezz ta' ħġieġa (ara xhieda tal-inġinier f'paġni 248 u 249 tal-proċess). Hija xi ħaġa tajba li l-kumpanija konvenuta tgħallmet minn dan l-inċident u li ħadet il-miżuri meħtieġa sabiex tnaqqas ir-riskju lill-ħaddiema tagħha, iżda fl-istess waqt dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li kien hemm nuqqas min-naħa tagħha meta ma ħaditx il-miżuri ta' prevenzjoni sa minn qabel ma seħħ l-inċident.

46. Minkejja li ma kinitx il-kumpanija konvenuta li qabbdet lill-attur jaqla' l-imsiemer imwaħħla fl-art, dan il-fatt waħdu ma kellux jeħles lill-kumpanija konvenuta mir-responsabbiltà għall-inċident. Hija naqset milli tħaddem sistema ta' taħriġ u ta' prevenzjoni kontra r-riskji billi tidentifika l-perikli li seta' kien hemm fl-impjant il-ġdid fejn bagħtet lill-ħaddiema tagħħa u naqset ukoll milli tħaddan sistema ta' kontroll u ta' superviżjoni biex riskji li seta' kien hemm għall-ħaddiema jiġu evitati, tant li jidher li l-kumpanija appellata ma ntebħitx li l-attur tqabbad jagħmel xogħol perikoluż mingħajr l-għodda u t-tagħmir protettiv xierqa. Għalkemm dawn in-nuqqasijiet ma kinux il-kawża waħdanija tal-inċident, ċertament ikkontribwew għal dak li ġara.

47. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex taqbel maż-żewġ appellanti f'parti minn dan l-aggravju tagħhom fis-sens li l-kumpanija Wasteserv għandha wkoll iġġorr parti mir-responsabbiltà għall-inċident li fih weġġa' l-attur, ladarba hija naqset milli timxi mad-dmirijiet tagħha li joħorġu mil-liġi li tirregola s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. F'dan is-sens għalhekk ser jintlaqa' dan l-aggravju.

48. Imiss li jitqies ir-**<u>raba' aggravju tal-konvenut appellant</u>**, dak fejn jilmenta li huwa ma kellu l-ebda awtorità fuq l-attur u għalhekk ma setax jagħtih "struzzjonijiet" u li ma teżisti l-ebda kulpa akwiljana. L-appellant

jilmenta li kienet il-kumpanija konvenuta li bagħtet lill-ħaddiema tagħha fuq is-sit tal-impjant inkwistjoni meta l-kuntratturi kienu għadhom qegħdin jagħmlu xi xogħlijiet. Fil-fatt huwa nduna b'dawn l-imsiemer fl-art li bihom seta' jweġġa' xi ħadd u l-ewwel għamel l-almu tiegħu sabiex ineħħihom u meta ma rnexxielux, talab l-għajnuna tal-attur sabiex jinqalgħu bil-makkinarju li kien hemm, sabiex jiġi evitat xi inċident. Jingħad mill-konvenut appellant li t-talba setgħet tiġi rifjutata mill-attur liberalment mingħajr ebda konsegwenzi għall-impieg tiegħu. Wara kollox, l-appellant jargumenta li l-attur kellu għarfien aħjar minnu ta' kif jintuża l-apparat li kien qiegħed jopera, peress li huwa qatt ma saq dak it-tip ta' makkinarju. L-attur seta' faċilment jgħarrfu li dan ma kienx il-metodu idoneju sabiex jinqalgħu l-imsiemer. L-appellant jislet punti mill-ġurisprudenza sabiex ifisser l-elementi meħtieġa sabiex persuna tinżamm responsabbli minħabba l-kulpa akwiljana, kif ukoll il-ħtieġa tan-ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża. Elementi li fil-fehma tal-konvenut appellant kienu neqsin f'dan il-każ, li kellhom iwasslu sabiex huwa jiġi liberat minn kull responsabbiltà għall-inċident sfortunat li ġarrab l-attur.

49. Fil-verità, fil-feħma ta' din il-Qorti, l-argument tal-konvenut appellant li l-attur seta' jagħżel li jinjora dak li talbu jagħmel l-istess konvenut appellant, peress li ma kienx impjegat miegħu u b'hekk ma kienx iseħħ l-inċident, huwa pjuttost wieħed sfaċċat. Ibda biex, mix-

xhieda tal-istess attur jirriżulta li l-ħaddiema ta' Wasteserv Malta Limited ingħataw struzzjonijiet sabiex jagħmlu dak li jkun hemm bżonn fuq il-lant tax-xogħol (ara paġna 30 tal-proċess) - xhieda din li ma ġietx kontradetta b'xi prova konvinċenti. Iżda minbarra dan, skont l-istess konvenut appellant, is-sit tal-impjant il-ġdid kien għadu taħt il-kontroll tiegħu, peress li kienu għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet u kif jingħad minnu stess, huwa kien responsabbli mill-bini tal-impjant. Huwa minnu li l-attur ma kienx impjegat mal-konvenut appellant, jew mal-kumpanija li kien direttur tagħha, jew mal-konsorzju li ngħata l-appalt, u għalhekk l-attur ma kellux relazzjoni ta' impieg mal-konvenut appellant. Iżda ġaladarba l-istess konvenut appellant talab lill-attur jagħmel biċċa xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni, li huwa kien responsabbli għaliha, l-istess konvenut appellant jidħol responsabbli sabiex jara li dak il-ħaddiem li qabbad ma jkunx f'riskju ta' ħsara (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021).

50. Hekk ukoll, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Lulju, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Sammut v. Meli Bugeja Company Limited***, ir-responsabbiltà għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn ħaddiem u min iħaddmu. Meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu d-dmir illi jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għallinqas inaqqas il-perikli u r-riskji għal dawk li hu

jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. F'dan il-każ ingħad li l-kriterju għalhekk huwa, jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol.

51. B'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, ġaladarba l-konvenut appellant kellu l-impjant taħt il-kontroll tiegħu, peress li huwa kien responsabbli mill-bini u skont l-istess konvenut appellant ix-xogħlijiet kienu għadhom mhumiex lesti, huwa kien obbligat li jipprovdi sistema ta' xogħol sigura jekk iqabbad lil xi ħadd jagħmel biċċa xogħol f'dak is-sit li għadu taħt il-kontroll tiegħu. Għalkemm jingħad mill-konvenut appellant, li ma kienx espert fit-tħaddim tal-makkinarju li kien qiegħed juża l-attur, huwa talbu li juża l-istess makkinarju għal xi ħaġa li ma kinitx konformi ma' prattika sigura. Bħala l-persuna responsabbli mill-kostruzzjoni tal-impjant, huwa mistenni li l-konvenut messu kien jaf li l-aħjar mod li jinqalghu l-imsiemer ingastati fil-konkos kien bl-użu ta' *claw hammer* jew *pliers,* u fin-nuqqas ta' dawn, li wieħed jilbes forma ta' protezzjoni għall-għajnejn. Fin-nuqqas tal-preżenza ta' dawn l-għodda u t-tagħmir protettiv, il-konvenut appellant ma messu qatt talab lill-attur jagħmel użu mill-makkinarju għal skop li ma kienx wieħed konformi ma' dak li titlob is-saħħa u s-sigurtà fuq il-lant tax-xogħol.

52. Wara kollox, fil-qasam tal-kulpa akwiljana, kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-

responsabbiltà għal għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha (**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**). Kif ukoll, kif ingħad qabel, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu u li jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili**). Fil-fatt jingħad ukoll li n-negliġenza ma tirriżultax biss meta dak li jkun jagħmel xi ħaġa bi traskuraġni jew b'non kuranza, iżda wkoll meta dak li jkun jonqos milli jieħu l-kawteli opportuni u meħtieġa fiċ-ċirkostanzi. Il-ħtija, kif jgħallem ir-**Ricci** (**Corso Teoretico-Pratico di Diritto Civile, Vol. VI p. 13**):

> *«…non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anche quando ometto o trascuro di far cio che avrei dovuto fare.»*

53. Minn dan kollu jinżel li, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-attur irnexxielu jressaq prova ċara tan-ness ta' kawżalità bejn dak li ntalab li jagħmel mill-konvenut appellant Bonnici u l-inċident li wassal għad-danni li huwa ġarrab. Ċertament ma kienx l-attur li minn jeddu mar jipprova jaqla' l-imsiemer bl-użu tal-makkinarju, iżda kien il-konvenut Bonnici li talbu jagħmel dan, tant li l-attur kien gwidat minn Bonnici, sabiex il-makkinarju jitpoġġa f'pożizzjoni li jaqla' l-imsiemer. Dan meta l-konvenut Bonnici messu kien jaf aħjar minn hekk u ma kellux jitlob dak ix-xogħol mill-attur, mingħajr ma jaċċerta ruħu li l-attur kellu l-għodda u t-tagħmir protettiv xieraq.

54. Għalhekk, ma jitqiesx li jkun xieraq li l-konvenut Bonnici jeħles mir-responsabbiltà għall-inċident li ġarrab l-attur u dan l-aggravju ser jiġi miċħud. Iżda jonqos li jiġi determinat il-grad ta' responsabbiltà fid-dawl ta' dak deċiż fl-aggravju ta' qabel dan, flimkien mal-aggravju li jsegwi.

55. Dan iwassal għall-konsiderazzjoni tal-**ħames aggravju tal-konvenut appellant Bonnici**, jiġifieri, dak dwar il-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria,* li jorbot ukoll mat-**tieni aggravju tal-attur appellant** dak fejn jikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, sa fejn jingħad li kellu jġorr nofs ir-responsabbiltà għall-inċident li seħħ. Dawn jistgħu jitqiesu bħala żewġ faċċati tal-istess munita, hekk kif il-konvenut appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza sabiex jargumenta li l-attur kellu jġorr responsabbiltà sħiħa għall-inċident, hekk kif huwa volontarjament u mingħajr obbligu, għażel li jaqla' l-imsiemer, minkejja r-riskji marbuta ma' dak imwettaq minnu, filwaqt li l-attur appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni, peress li jsostni li huwa kien qiegħed jagħmel ix-xogħol u jwettaq l-ordnijiet mogħtija lilu, kif mitlub minnu u ma marx jaqla' l-imsiemer minn jeddu u għalhekk ma kellux iġorr responsabbiltà għal dak li seħħ.

56. Tajjeb li jiġi mfakkar li minkejja l-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, il-liġi ma teħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-

awtoritajiet kompetenti (ara l-**Artikolu 7(1)** u **(2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**). Hekk ukoll, il-ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tpoġġih f'riskju bla bżonn u jrid joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li ġarrab (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Victoria Vella nomine v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** mogħtija fil-25 ta' Ottubru, 2023). Dan sewwasew għaliex l-attenzjoni meħtieġa minn min iħaddem hija dik ta' ġenitur tajjeb tal-familja u mhux ta' grad ogħla minn hekk. Għalhekk, jekk kemm-il darba min iħaddem ikun issodisfa l-obbligi kollha tiegħu, huwa ma jistax jinstab responsabbli għall-inċident li jkun seħħ fuq il-post tax-xogħol (ara ***Peter Ronald v. Polibon Construction Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2009).

57. Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħħa tat-12 ta' Lulju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited***, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew <u>meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tieghu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel</u>

imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu, jew ħsara għaliħ innifsu jew għal saħħtu (ara b'eżempju, s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et v. John Pisani et nomine***, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et***).

58. Kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn: «*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.*» (***Froom v. Butcher*** CA QB 286 (1976) per Denning LJ). Rilevanti f'dan is-sens ukoll huma s-sentenzi ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Micallef et v. Kevin Azzopardi et*** u dik fl-ismijiet ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021).

59. Fil-każ tagħna jirriżulta li l-attur appellant, dakinhar tal-inċident, mar jaqla' żewġ imsiemer ingastati fl-art fuq talba tal-konvenut appellant l-ieħor Bonnici. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba meta ntalab li jagħmel dan

ix-xogħol, huwa staqsa lil Bonnici jekk kellux l-għodda sabiex jinqalghu dawn l-imsiemer (ara xhieda tal-attur f'paġni 30 u 325), jirriżulta li l-attur kellu ċertu għarfien ta' kif għandħom jinqalghu l-imsiemer bl-għodda adattati u mhux bil-*bobcat* (ara kontroeżami tal-attur f'paġna 329). Għalhekk l-attur wera nuqqas ta' responsabbiltà meta uża l-makkinarju għal skop li ma kienx intenzjonat għalih. Ġaladarba l-attur bħala impjegat għamel dak mitlub minnu, meta bil-ħila tiegħu u bl-użu tas-sens komun, kellu jkun jaf li dan ma kienx użu għaqli tal-makkinarju fdat lilu u seta' jevita li jqiegħed lilu nnifsu fil-periklu, jew li jġib il-ħsara fuqu innifsu, allura l-attur għandu jwiegeb huwa wkoll għall-ħsara li ġarrab. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li tista' tilqa' l-aggravju tal-attur li huwa jeħles mir-responsabbiltà għas-sempliċi raġuni li wettaq dak li tqabbad jagħmel, peress li bl-aġir tiegħu huwa stess ikkontribwixxa għall-inċident u d-danni konsegwenzjali li ġarrab.

60. Min-naħa l-oħra, lanqas jitqies xieraq li jintlaqa' l-aggravju tal-konvenut appellant ta' *volenti non fit iniuria,* li bih jippretendi li l-attur għandu jġorr responsabbiltà sħiħa għall-inċident imġarrab minnu. Rilevanti f'dan il-kuntest hija s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Fleur Debono v. Shanylee Reed et*** fejn tressaq argument simili u saret referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, tas-16 ta' Settembru, 2009, fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Xerri et proprio et nomine v. Julian***

***Sultana et***. Għalkemm dawn is-sentenzi kienu jitrattaw inċidenti tat-traffiku xorta jibqgħu relevanti l-konsiderazzjonijiet hemm magħmula:

> «*Għalkemm m'hemmx dubju li l-vittma rikeb b'mod volontarju fuq il-mutur li kien involut fl-inċident, b'daqshekk ma jfissirx li sar xi ftehim bejn Julian Sultana u l-vittma li jekk jiġri xi ħaġa Xerri kien qiegħed jieħu r-riskju fuqu għal kwalsiasi telf li jista' jsofri. Fil-kawża Ingliża* ***Morris vs Murray (1991)***[45] *ġie spjegat il-prinċipju:-*
>
> > *".... in order to defeat an otherwise valid claim on the basis that the plaintiff was volens the defendant must establish that the plaintiff at the material time knew the nature and extent of the risk and voluntarily agreed to absolve the defendant from the consequences of it by consenting to the lack of reasonable care that might produce the risk. It is common ground and long establised that knowledge of the risk is not sufficient but there must also be consent to bear the consequences of it."*[46]
>
> *Fil-kuntest lokali hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell*[47] *fil-kawża:* ***Franco Spiteri v. Joseph Cucciardi et*** *deċiża fis-27 ta' Frar 2009 li wkoll ittrattat din id-difiża:-*
>
> > *"......għas-sostenn tad-difiża, tal-"volenti non fit iniuria" mill-prova inkombenti fuq l-appellanti illi l-attur "had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run" u li "the circumstances are such to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person" (****Cħarleswortħ, "Law of Negligence****" paġna 498, kif ċitat fis-sentenza fl-ismijiet "****Paul Vassallo et -vs- Carmelo Pace"****, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986). Skont l-imsemmi awtur iż-żewġ aspetti fokali insiti fil-massima jridu jikkoinċidu flimkien biex jiddiżintitolaw lill-attur milli jirkupra d-danni*[48]*.*»

61. Hekk ukoll, f'dan il-każ, għalkemm l-attur aċċetta volontarjament it-talba ta' Bonnici li jwettaq ix-xogħol kif mitlub minnu, ma jirriżultax li kien qiegħed jiftiehem li jieħu fuqu r-riskju jew li f'każ ta' ħsara kien qiegħed jirrinunzja għal kull pretensjoni ta' ħsara fil-konfront ta' Bonnici, f'każ li jirriżulta li dan tal-aħħar kien ukoll negliġenti. Wara kollox, kif rajna fl-

---

[45] *The Modern Law of Negligence, R.A. Buckley (Tieni Edizzjoni, Butterworths 1993) paġna 61*
[46] *Fl-Ingilterra permezz tar-Road Traffic Act tal-1988 dan il-prinċipju tneħħa minn inċidenti tat-traffiku li fihom passiġġier isofri ġrieħi (Artikolu 149)*
[47] *Imħallef P Sciberras*
[48] *Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef D Scicluna) fil-kawża* ***Annunziata Caruana v. Odette Camilleri*** *deċiża fit-13 ta' Frar 2001*

aggravju ta' qabel, il-konvenut appellant għandu jġorr parti mir-responsabbiltà għall-inċident li seħħ, ġaladarba huwa kellu kontroll fuq l-ambjent tal-lant tax-xogħol u fin-nuqqas tal-preżenza tal-għodda u tat-tagħmir protettiv meħtieġ, kien negliġenti meta talab lill-attur jagħmel użu mill-makkinarju għal skop li ma kienx wieħed konformi ma' dak li titlob is-saħħa u s-sigurtà fuq il-lant tax-xogħol. Isegwi li lanqas l-aggravju tal-konvenut appellant ma jixraqlu li jintlaqa'.

62. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hija tal-fehma li l-ħtija għall-inċident li ġarrab l-attur għandha tinqasam bejn il-partijiet kollha fil-kawża, fis-sehem ta' terz kull wieħed, billi kull wieħed minnhom kellu sehem għall-inċident li fih korra l-attur. Għalhekk is-sentenza appellata ser tiġi riformata f'dan is-sens.

63. Jonqos li jiġi mistħarreġ l-**<u>aħħar aggravju taż-żewġ appellanti</u>**, dak marbut mal-likwidazzjoni tad-danni mwettqa mill-Ewwel Qorti. It-tnejn jilmentaw li l-*quantum* tad-danni li ngħataw mill-Ewwel Qorti huwa wieħed żbaljat. Il-konvenut appellant jilmenta li l-attur kellu 40 sena meta seħħ l-inċident, u allura kien fadallu 25 sena ta' xogħol qabel jilħaq l-età tal-irtirar, iżda minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li ma setgħetx tinjora l-inċertezzi tal-ħajja, (u allura skont il-ġurisprudenża kellha tadotta *multiplier* inqas minn 25) xorta adottat dan il-*multiplier* ta' 25. Barra minn hekk, il-konvenut appellant jilmenta li minkejja li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li kellu jsir tnaqqis

ta' 2% għal kull sena li tgħaddi minn meta nfetħet il-kawża sakemm ingħatat is-sentenza, dan it-tnaqqis ma jirriżultax li sar mill-Ewwel Qorti.

64. Min-naħa l-oħra, l-attur appellant jisħaq li kif jirriżulta ċar mill-atti, huwa kellu 35 sena meta seħħ l-inċident u għalhekk fid-dawl tal-iżball tal-Ewwel Qorti, il-*multiplier* li kellu jiġi adottat fil-komputazzjoni tad-danni huwa dak ta' 30 u mhux ta' 25.

65. Tabilħaqq mill-atti jirriżulta li l-attur kellu 35 sena meta seħħ l-inċident u mhux 40 sena, kif ingħad mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Issa kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** maqtugħa fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-*multiplier* għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident kif jippretendi l-attur appellant, għaliex il-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' «*chances and changes of life or vicissitudes of life.*»

66. Kif ġie mtenni diversi drabi mill-Qrati tagħna, meta tiġi biex tiddeċiedi kawża simili, qatt ma tista' tipprevedi tibdil fiċ-ċirkostanżi tal-ħajja tal-persuna mweġġa'. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, uħud minnhom imsemmija fis-sentenza ***Brian Micallef v. Brian***

***Tyre Services Limited*** deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2014. Hekk ukoll, jingħad mill-awtriċi **Vivienne Harpwood**:

> *«Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future.» (Modern Tort Law) (ediz. 2009, paġna 438)*

67. Għalhekk il-kunċett ta' «*chances and changes of life*», ġie mdaħħal biex jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanżata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Kien għalhekk li l-*working life expectancy* ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-*multiplier* (ara ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).

68. Ġie mfisser ukoll, mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et*** mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2016, li mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-*multiplier* bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara ***Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u ***Trevor Grech v. Lawrence Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

69. Minn dan kollu jinżel, li din il-Qorti ma tistax tagħti raġun la lill-attur appellant li jippretendi li jsir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età ta' meta seħħ l-inċident u lanqas lill-konvenut appellant li jippretendi tnaqqis fil-*multiplier*. Minkejja l-iżball tal-Ewwel Qorti meta qalet li l-attur kellu 40 sena, meta tqis li l-attur kellu 35 sena meta seħħ l-inċident, allura l-*multiplier* ta' 25 jitqies bħala wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet ***Trevor Grech v. Laurence Agius*** fejn f'każ ta' inċident tat-traffiku ġie adottat dan l-istess *multilpier* għal persuna ta' 35 sena).

70. Fir-rigward tan-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tagħmel tnaqqis bħala *lump sum reduction,* għandu raġun il-konvenut appellant li minkejja li l-Ewwel Qorti semmiet dan it-tnaqqis, dan ma ġiex adottat fil-komputazzjoni mwettqa mill-Ewwel Qorti. Huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022 u ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020).

71. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-

tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, u ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

72. Fil-każ tagħna qiegħda tingħata sentenza finali seba' snin wara li nfetħet il-kawża. Fid-dawl ta' dak li ngħad fil-ġurisprudenza hawn qabel imsemmija, u peress li ma jirriżultax li kien hemm tnikkir ta' kif il-partijiet ressqu l-provi tagħhom, tqis xieraq li jkun hemm tnaqqis ta' 6% bħala *lump sum deduction.* (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Johnaton Abela nomine v. Maria Spiteri*****).**

73. Minn dan kollu jsegwi li d-danni għandhom jinħadmu kif ġej: €13,799.92 (paga) x 27% (diżabbiltà) x 25 (*multiplier*) = €93,149.46[49]. Minn dan l-ammont jeħtieġ li jsir tnaqqis ta' 6% bħala *lump sum deduċtion,* jiġifieri €93,149.46 - €5,588.97 (0.06 x €93,149.46) = €87,560.49. Dan l-ammont għandu jitnaqqas b'terz, li huwa sehem tar-

[49] Ma sarx appell la dwar id-dħul tal-attur u lanqas dwar il-perċentaġġ tad-diżabbiltà

responsabbiltà li għandu jġorr l-istess attur għall-inċident, jiġifieri €87,560.49 - €29,186.83 = €58,373.66 li għandhom jitħallsu lill-attur bħala *lucrum cessans* mill-konvenuti.

74. Il-Qorti tqis li kien hemm ukoll id-danni likwidati mill-Ewwel Qorti bħala *damnum emergens* fis-somma ta' €1,141.87, li dwarhom ma tressaq l-ebda aggravju. Iżda fid-dawl tar-responsabbiltà maqsuma minn din il-Qorti bejn il-partijiet kollha fil-kawża, jeħtieġ li dan l-ammont ukoll jitnaqqas b'terz u mhux bin-nofs. Dan iwassal għas-somma ta' €761.25 (€1,141.87 - €380.62) li għandha titħallas ukoll lill-attur bħala *damnum emergens* mill-konvenuti.

75. Dan ifisser li l-ammont total ta' danni dovuti lill-attur mill-konvenuti huwa dak ta' €59,134.91.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda:

(i) Tilqa' f'partijiet minnhom, kemm l-appell imressaq mill-konvenut Mario Bonnici, kif ukoll l-appell imressaq mill-attur Joseph Cordina u b'hekk qiegħda tbiddel is-sentenza appellata, billi tħassarha f'dik il-parti fejn qieset li l-kumpanija Wasteserv Malta Limited mhijiex responsabbli għall-inċident li seħħ fit-8 ta' Diċembru, 2015, fl-impjant tagħha ġewwa x-

Xewkija, Għawdex, sabiex minflok tqis li kull parti fil-kawża taħti għal terz mir-responsabbiltà tal-inċident u għad-danni li ġarrab l-istess attur;

(ii) Tvarja s-sentenza appellata sabiex filwaqt li tikkonfermaha sa fejn laqgħet it-tieni talba attriċi u sabet li l-attur Joseph Cordina sofra diżabbiltà permanenti f'għajnu l-leminija, tvarjaha billi fir-rigward tat-tielet talba attriċi tillikwida d-danni fis-somma ta' disgħa u ħamsin elf, mija u erbgħa u tletin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€59,134.91) u tikkundanna liż-żewġ konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' disgħa u ħamsin elf, mija u erbgħa u tletin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€59,134.91) *in solidum* bejniethom. Bl-imgħax fuq din is-somma, għandu jibda miexi mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

(iii) Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża (inkluż dawk tal-appell) jitħallsu terz ($^{1}/_{3}$) mill-attur, u terz ($^{1}/_{3}$) minn kull wieħed miż-żewġ konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss